MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta ta' l-4 ta' Dicembru, 2014

Appell Kriminali Numru. 233/2014

Il-Pulizija

Vs

Jason Calleja

Illum 4 ta' Dicembru, 2014,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant, Jason Calleja, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 523777M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Nhar l-1 ta' Marzu, 2014, ghall-habta tal-11:00hrs, waqt li kien gewwa l-kumpless tal-Iscouts fi Triq il-Fortizza, Mellieha:

1. Volontarjament kiser il-bon-ordni jew il-paci pubblika, bi storbju, b'ghajjat u/jew glied.
2. Hebbejt kontra l-persuna ta' martek Daniela Calleja sabiex tingurja, iddejjaqha jew sabiex taghmel hsara lil din il-persuna jew lil haddiehor.

3. Ingurja u/jew hedded lil martu Daniela Calleja jew jekk kont ipprovokat, ingurja b'mod li hareg barra mil-limiti tal-provokazzjoni.
4. Bl-imgieba tieghu ikkaguna lil martu Daniela Calleja biza' li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta' taghha jew kontra l-persuna jew il-propjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti ahwa subien jew bniet jew xi persuna ohra msemmija fl-artikolu 222(1) tal-Kodici Kriminali.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija tapplika l-Artikolu 383 tal-Kap 9 u dan ghas-sigurta' ta' Daniela Calleja.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, mghotija fit-2 ta' Gunju, 2014, fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 338(1)(d), 339(1)(d), 339(1)(e), 251B(1) u 383(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Sabet lill imputat hati tal-ewwel (1), it-tieni (2) u t-tielet (3) imputazzjoni u ghaldaqstant tikkundannah xahar detenzjoni. Tordna il-hrug ta' Ordni ta' protezzjoni ghal tlett (3) snin ai terminu tal-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta favur martu Daniela Calleja.

Ma sabitux hati tar-raba (4) imputazzjoni u ghaldaqstant illiberatu.

Il-Qorti spjegat il-portata tas-sentenza lill-imputat.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Jason Calleja, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-4 ta' Gunju, 2014, fejn talab lil din il-Qorti, **tvarja u tirriforma** is-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti taghha fejn sabet lill-appellant mir-raba' akkuza, thassar, tirrevoka u tikkancella s-sentenza f'dik il-parti taghha fejn sabet lill-appellant hati tal-ewwel, it-tieni u t-tielet akkuza u dan ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija u tillibera l-appelalnt minn tali akkuzi migjuba kontrih u minn kull piena jew alternattivament tvarja s-sentenza f'dik il-parti li tikkoncerna l-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti w cioe':-

Illi rigward il-ksur tal-bon-ordni u l-paci pubbilka bi storbju b'ghajjat u/jew glied dana zgur illi ma giex ippruvat. Illi l-uniku xhud li hija Graziella Duncan li hija habiba kbira ta' Daniela Calleja u minn fortizza shiha li kien hemm weekend sleep over tal-iscouts hija biss semghet l-ghajjat. Illi sabiex dina l-akkuza tigi pprovata hemm grad ta' prova hekk kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Daniel Briffa nurmu 144/2009 (Magistrat Dr. Edwina Grima – 24/10/2012) – Il-Qorti ghamlet referenza ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-19 ta'

Novembru, 1999 fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Maria Concetta Green' (Volum LXXXIII Part IV pagna 441): 'L-artikolu 338(dd) tal-Kodici Kriminali jikkontempla r-reat komunement imsejjah 'breach of the peace'. L-elementi ta' dan ir-reat gew ezaminati f'diversi sentenzi u gie ritenut illi, bhala regola, ikun hemm din il-kontravenzjoni meta jkun hemm ghemil volontajru li minnu nnifsu jew minhabba c-cirkostanzi li fihom dak l-ghamil isehh inissel imqar minimu ta' nkwiet jew thassib f'mohh persuna (li ma tkunx l-akkuzat jew l-imputat) dwar l-inkolumita' ta' persuna jew dwar l-inkolumita' ta' propjeta', kemm b'rizultat dirett ta' dak l-ghamil jew minhabba l-possibilita' ta' reazzjoni ghal dak l-ghemil. L-iskambju ta' likem anke jekk ingurjuz jew minaccjuz fih innisfsu u minghajr ma jkun hemm xejn akta x'jindika li dak l-argument jista' jizviluppa fih, jew iwassal ghali, xi haga ohra u aktar serja (bhal glied bl-idejn jew hsara fil-propjeta') ma jammontax ghall-breach of the peace fis-sens tal-artikolu 338(dd) tal-Kodici Kriminali.' Illi mill-provi akkwiziti jirrizulta illi ghalkemm kien hemm skambju ta' kliem bejn l-imputat u l-parti leza u ghalkemm it-tnejn li huma kkagunaw griehi lil xulxin, madanakollu ma jidhirx illi kien hemm il-breach of the peace kif trid il-ligi tant illi ma jidhirx illi f'dak il-hin kien hemm xi nies ohra fit-triq jew inkella li l-istorbju bejn dawn in-nies gieghel lil xi nies johorgu minn djarhom.

It-tieni aggravju

Artikolu 339(1)(e) tal-kodici kriminali jghid is-segwenti:

> *(1) Huwa hati ta' kontravenzjoni kontra l-persuna, kull min:-*
>
> *(e) Jahgmel lil haddiehor ingurji jew theddid mhux imsemmijin band' ohra f'dan il-Kodici, jew jekk ikun ipprovokat, jingurja b'mod li johrog barra mil-limit tal-provokazzjoni;*

Illi l-artikolu 339(2) tal-kodici kriminali jghid:

*Fil-kazijiet imsemmijin fis-subartikolu (1)(d), (e), (l) u (o), ma ttiehed ebda procedura jekk mhux bil-kwerela tal-parti.*

Illi l-esoponent instab hati li ngurja u/jew hedded lil Daniela, jew jekk kien pprovokat, ingurja b'mod li hareg barra mil-limiti tal-provokazzjoni (Artikolu 339(1)(e) tal-Kodici Kriminali).

Illi quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti gie pprezentat l-affidavit ta' PC754 N. Bugeja pero' imkien ma gie indikat jew giet ipprezentata l-kwerela tal-parti allegatament leza.

Illi fl-umli opinjoni tal-esponent il-kwerela kellha tkun ipprezentata hekk kif l-artikolu 399(2) tal-Kodici Kriminali tghid espressament li proceduri f'dawn ic-cirkostanzi ghandhom jigu mittiehda permezz ta' kwerela liema kwerela ma hijiex parti mid-dokumenti ezebiti aktar u aktar peress illi l-kwerela qatt ma saret u qatt ma saret ebda referenza ghaliha.

It-Tielet Aggravju

Illi mill-provi illi d-diskussjoni saret bejn Daniela Calleja u Jason Calleja meta hija kienet fil-karozza.

Illi Jason Calleja qal illi hija kienet bil-wieqfa fejn il-karozza u wara dahlet fil-karozza.

Illi imkien mill-provi prodotti ma rrizulta illi Jason Calleja hebb ghal Daniela Calleja.

Illi mix-xhieda quddiem l-Ewwel Qorti jidher car illi d-diskussjoni bejn il-partijiet damet biss ftit minuti, Jason Calleja qal jiena naf x'inhi mar ridtx titkellem u tlaqt, Graziella Duncan kienet il-boghod u ma maritx hdejhom u Daniela Calleja qalet biss li kien hemm zewg sentenzi rigward dana l-kaz fix-xhieda taghha quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati. Il-kumplament tax-xhieda taghha kienet fuq affarjiet ohra mhux relatati mal-incident bhal li r-ragel taghha ma deherx ghal kuntratt u li qieghed jibghat il-manteniment mat-tifla.

Illi l-ebda hin ma rrizulta li kien hemm xi theddid fil-konfront ta' Daniela Calleja.

Ir-Raba' Aggravju

Illi dana l-aggravju tirrigwarda il-piena li imponiet l-Ewwel Qorti.

Illi l-Ewwel Qorti mponiet piena karcerarja ta' xahar fuq it-tliet akkuzi hawn fuq imsemmija.

Illi fl-umli opinjoni tal-appellant din il-Qorti ghandha tikkonsidra fatti li certament jimmiltaw favur ta' piena mhux ta' prigunerija u cioe' li hawnhekk si tratta ta' persuna li ghandha fedina penali netta.

Illi jekk fl-ghar ipotezi dina l-Qorti ssib htija fl-appellant certament se jirrizulta illi bhala missier minuri li l-uniku hin li kellu maghha kien il-hin li marret l-iscouts ried b'xi mod jikkomunika ma martu u jista' jkun f'dawk ic-cirkostanzi wiehed jgholli lehnu f'post li huwa f'nofs fortizza jirbombja avolja hadd ma setgha jifhem dak li ntqal. Dan ma jfissirx illi l-attegjament tal-appellant huwa b'xi mod gustifikabbli izda huwa fattur li ghandu jittiehed in konsiderazzjoni biex dina l-Onorabbli Qorti ma timponix piena karcerarja effettiva.

Illi rigward l-applikazzjoni ta' Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 dana ma hemmx ghalfjen jigi applikat stante li ma hemm l-ebda raguni ghaliex Daniela Calleja ghandha bzonn sigurta' stante li ma hemm l-ebda tip ta' kommunikazzjoni bejniethom u bl-applikazzjoni ta' dana l-artikolu ghal tlett (3) snin kif gie deciz mill-ewwel istanza dana zgur ma jghinx sabiex genitur ta' zewgt itfal isibu mod kif jikkomunikaw u jiehdu decizjonijiet flimkien ghal gid tal-minuri.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi fl-ewwel (1) ta' Marzu tal-elfejn u erbatax (2014) bint l-appellant Claire Calleja kienet qieghda weekend sleep over mal-iscouts fil-kumpless illi ghandhom gewwa l-Mellieha. L-appellant hu mizzewweg lil Daniela Calleja u hemm pendenti bejniethom proceduri ta' separazzjoni illi jidhru illi huma

akkrimonuzi hafna. L-appellant ghandu dritt ta' access versu l-minuri Claire ghal ftit sieghat kull nhar ta' Tlieta u ftit sieghat kull nhar ta' Sibt waranofsinhar. Peress illi l-weekend sleep over kien jinkludi ukoll il-hin illi Claire kienet se tkun ma' missierha, din cemplet lil missierha biex tghidlu illi dakinhar ma setghetx tkun mieghu ghax kienet se tkun f'dan il-kumpless. Din it-telefonata saret fil-prezenza tal-iscout leader Graziella Duncan illi semghet lil Claire tghid lil missierha illi ma setax jigi jaraha u t-tifla dehret skomda hafna wara t-telefonata li kellha ma' missierha. Sadanittant giet il-parti leza Daniela Calleja sabiex taghti xi pocket money lit-tifla taghha Claire. Kien dak il-hin illi wasal l-appellant Jason Calleja jsuq il-karozza b'mod goff, jirrejzja l-magna u jieqaf magenb Daniela Calleja. Avvicinha b'mod aggressiv, ikellimha hazin u jheddidha u ghalhekk kienet kostretta illi tidhol fil-karozza taghha ghas-sigurtà. Izda l-appellant xorta baqa' jkellimha hazin u jheddidha, isabbat u jissara mal-karozza fejn kienet. Ma kienx minnu illi l-appellant kien qed javvicinaha biex jaghtiha l-manteniment peress illi kien aggressiv maghha hekk kif raha hemmhekk barra l-kwartieri tal-iscouts. Daniela Calleja qalet lill-Qorti li l-"mode of conduct" tieghu hu aggressiv fil-konfront taghha ghax l-appellant ma riedx jammetti illi sejrin jisseparaw. Dakinhar kellha hafna biza' minnu. Il-parti leza Daniela Calleja ghandha l-konfort tax-xhieda ta' Graziella Duncan l-iscout leader dakinhar fejn tikkonferma illi rat lill-appellant isuq b'mod goff u javvicina lil Daniela Calleja b'mod agressiv, ikellimha hazin u jghajjarha u anke ratu jissara mal-bieba tal-karozza fejn kien hemm Daniela. Dak il-hin l-appellant ma kellu xejn f'idejh.

Xehed ukoll quddiem din il-Qorti l-istess appellant Jason Calleja fejn qal illi dakinhar it-tifla kienet cemplitlu sabiex imur hdejha ghax kienet camping il-Mellieha. Mar hemmhekk u qaghad barra l-kumpless. Skont hu, it-tifla qaltlu biex johodha ghand is-surgent il ghaliex ommha kienet sawwtitha. Kien dak il-hin illi ra lill-mara tavvicina u resaq lejha biex itiha l-manteniment izda l-mara qarrsitlu wiccha u daret biex tidhol fil-karozza. Mhux veru illi kellimha hazin jew heddidha. It-tifla kienet imbezza' ghax kien ghadha kif qalghet xebgha minghand ommha dakinhar filghodu stess qabel ma marret camping.

Il-mara Daniela Calleja marret taghmel rapport lill-pulizija illi sussegwentement ipprocedew kontra l-appellant bl-akkuzi li jidhru fil-bidu ta' dan il-gudikat u b'sentenza tat-2 ta' Gunju 2014 (fol 5) il-Qorti tal-Magistrati sabet lill-appellant hati tal-ewwel, it-tieni, u t-tielet imputazzjoni izda illiberatu fuq ir-raba'. Ikkundannatu ghal xahar ditenzjoni u harget ordni ta' protezzjoni favur Daniela Calleja ghal tlett (3) snin.

L-appellant hassu aggravat minn din is-sentenza u minnha interpona appell peress illi l-ewwel Qorti ghamlet evalwazzjoni skorretta tal-provi illi kellha quddiemha; kien hemm biss skambu ta' kliem bejn l-appellant u l-parti leza u ma kien hemm xejn

ingurjuz jew minaccjuz fil-konfront jew l-agir tal-appellant. Di più l-piena erogata kienet wisq gravuza fil-konfront tieghu.

Ikkunsidrat:

Fl-isfond ta' dawn ir-rizultanzi processwali u wara illi din il-Qorti kellha l-opportunità tara kemm lill-appellant kif ukoll lill-parti leza jixhdu quddiemha u wara li ghamlet l-evalwazzjoni skont il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kap 9 issib illi l-appellant jipprogetta ruhu bhala persuna aggressiv jekk mhux addirittura vjolenti, persuna ta' nicca qasira, jitlaghlu malajr u lest illi jigdeb sabiex ikun f'pozizzjoni ta' dominanza u jissoggetta lil dak li jkun ghall-kontroll tar-rieda tieghu. Din il-Qorti temmen illi l-incident gara ezatt kif xehdu l-parti leza u Graziella Duncan. Mhuwiex veru illi t-tifla cemplitlu biex jigi fil-kwartjieri tal-iscouts il-Mellieha, anzi l-oppost. It-tifla dakinhar cemplet biex tghid lil missierha illi qieghda f'dak il-post u ma setax jigi. Il-kliem semghetu l-iscout leader dakinhar Graziella Duncan u ikkonfermatu bil-gurament. Madankollu l-appellant ried jinsisti illi s-sieghat tal-viziti jehodhom dejjem tkun fejn tkun it-tifla anki a skapitu tal-istess paci u serenità tal-istess tifla u ghamel ta' rasu illi jmur fil-kwartieri tal-iscouts u jaghmel xenata hemmhekk fil-prezenza tat-tifla tal-iscouts leaders, it-tfal l-ohra, u jghajjar lil martu l-parti leza Daniela Calleja. L-appellant qal illi kien qieghed hemmhekk biex jaghti l-manteniment lil martu. Però meta mar hemmhekk ma kellu l-ebda mezz ikun jaf illi martu kienet se tkun hemm ukoll. U fi kwalunkwe kaz, kemm martu kif ukoll Graziella Duncan xhedu illi f'idejn l-imputat ma kellu xejn. Biex jiggustifika din l-aggressjoni ingusta da parti tieghu l-appellant ivvinta l-istorja illi l-parti leza kienet sawwtet lil bintha dakinhar stess qabel ma marret ghal weekend mal-iscouts. Din hija gidba ohra illi l-appellant ipprova jbella' lill-Qorti biex jiggustifika r-rabja u l-aggressjoni illi wera dakinhar. L-appellant jidher li ma kienx jimpurtah illi f'dak il-post kien hemm hafna tfal jigru ma' kullimkien izda madanakollu xorta ghazel li jsuq il-karozza tieghu b'mod veloci, hafna rejzjar u storbju biex jimmanifesta l-attitudni tieghu u r-rabja illi biha wasal f'dan il-kumpless fejn kompla mbaghad immanifesta din l-attitudni bl-aktar mod goff u vjolenti fil-konfront ta' martu Daniela Calleja. Jekk l-appellant mhuwiex persuna illi kapaci jrazzan l-emozzjonijiet tieghu u jinfexx f'aggressjoni u vjolenza kull meta jkun irrabjat jew jidhirlu hekk opportun ghandu jifhem illi zgur li mhux se jsib spalla minn din il-Qorti. U sakemm jibqghu dawn it-tipi ta' incidenti m'ghandux jippretendi l-ebda hnieja jew konsiderazzjoni minn dawn il-qrati.

Ghalhekk din il-Qorti jidhrilha illi l-ewwel Qorti ghamlet sew meta waslet ghad-decizjoni taghha, ghamlet l-evalwazzjoni korretta tax-xhieda tal-appellant u tal-persuna tieghu u mill-provi prodotti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha u ghalhekk ghal dak illi jirrigwarda l-meritu zgur illi

din il-Qorti mhiex sejra tiddisturba d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti, anzi taffermaha, peress illi bhalha waslet ghall-istess konkluzjoni.

Ghal dak illi jirrigwarda l-piena l-principju regolatur hu illi mhux normali illi tigi disturbata d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti jekk il-piena inflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika illi kellha tkun anqas minn dak li fil-fatt erogat. Irrizulta li l-piena inflitta tidhol fil-parametri tal-ligi u ghalhekk hawn ukoll il-Qorti thoss li m'ghandhiex tigi disturbata d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------